

OPINJONI Nru. 5/2005

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

U

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa sabiex jiġi suġġerit lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003¹ u l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003². Ir-raġunijiet għal din l-attività involuta fit-tfassil ta' regoli huma elenkati hawn taħt.
2. L-Opinjoni ġiet adottata skond il-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija³ ta' l-Aġenzija, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru. 1592/2002⁴.

II. Konsultazzjoni

3. L-abbozz ta' l-opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 u 2042/2003 ġie ppubblikat (notifika dwar l-emenda proposta –NPA 10-2005) fuq is-sit web ta' l-Aġenzija fit-12.07.2005.
4. L-Aġenzija rċeviet 5 kummenti minn awtoritajiet ta' l-avjazzjoni ċivili sad-data ta' l-għeluq it-23.08.2005.
5. Il-kummenti kollha riċevuti ġew rikonoxxuti u inkorporati f'Dokument ta' Risposta għal Kumment (CRD), li kien ippubblikat fuq is-sit web ta' l-Aġenzija fl-1.09.2005. Dan is-CRD fih lista tal-persuni kollha u/jew organizzazzjonijiet li taw kummenti u r-risposti ta' l-Aġenzija.
6. Meħuda in konsiderazzjoni illi d-dokumenti kollha riċevuti jsostnu jew m'għandhomx oġġezzjonijiet għall-emendi proposti fin-NPA msemmija hawn fuq u l-ħtieġa għal azzjoni urġenti, peress li s-sistema ta' approvazzjonijiet f'perjodu mhux limitat ser tidħol fis-seħħ awtomatikament fit-28 ta' Settembru 2005, l-Aġenzija qed tagħti din l-opinjoni qabel il-perjodu ta' l-għeluq ta' xahrejn speċifikat fl-Artikolu 8 tal-proċedura dwar it-tfassil ta' regoli.

III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

7. Fl-24 ta' Settembru 2003 u fl-20 ta' Novembru 2003 il-Kummissjoni Ewropea adottat Regolamenti (KE) Nru. No 1702/2003 u Nru. 2042/2003 rispettivament. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu sistema ta' approvazzjoni ta' perjodu mhux limitat għall-manutenzjoni, taħriġ dwar il-manutenzjoni u organizzazzjonijiet tal-produzzjoni. Matul id-diskussjoni rigward l-adozzjoni tagħhom diversi Stati Membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-kapaċità tagħhom sabiex jibdlu f'qasir żmien mis-sistema kurrenti ta' l-approvazzjonijiet ta' perjodu limitat għal dik prekritta minn dawn ir-regolamenti.

¹ ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

² ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

³ Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. EASA MB/7/03 tas-27.06.2003 (proċedura għat-tfassil ta' regoli).

⁴ ĠU L 240, 7.09.2002, p. 1.

8. Dan wassal għad-disposizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1702/2003 li jippermetti lil Stati Membri sabiex joħorġu approvazzjonijiet għal perjodu limitat, permezz ta' deroga mill-21A.159 ta' Parti-21 sat-28 ta' Settembru 2005 u għal dawk speċifikati fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru. 2042/2003 li jippermetti lil Stati Membri sabiex joħorġu approvazzjonijiet ta' perjodu limitat sat-28 ta' Settembru 2005, rigward l-Anness II (Parti-145) u l-Anness IV (Parti-147).
9. L-Artikolu 5(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni 1702/2003 jistabbilixxi illi l-Aġenzija għandha tagħmel, fi żmien mistenni, evalwazzjoni ta' l-implikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq kemm għandha ddum il-validità ta' l-approvazzjonijiet, bil-ħsieb li din tagħti opinjoni lill-Kummissjoni, inklużi xi emendi possibbli fih. L-Aġenzija tikkonsidra illi l-espressjoni "fi żmien mistenni" hija relatata maż-żmien sa liema l-Istati Membri jistgħu joħorġu approvazzjonijiet ta' perjodu limitat, it-28 ta' Settembru 2005.
10. Għalkemm, m'hemmx disposizzjoni fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 li tirrikjedi lill-Aġenzija sabiex tagħmel tali evalwazzjoni rigward l-approvazzjonijiet soġġetti għall-Anness II (Parti-145) u l-Anness IV (Parti-147) tar-Regolament (KE) Nru. 2042/2003, l-Aġenzija tikkonsidra li l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjoni ta' l-Artikolu 7(4) tar-Regolament imsemmi huwa pertinenti b'mod analoġiku għad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament 1702/2003.
11. L-Aġenzija bagħtet ittra lill-Istati Membri fl-14 ta' Frar 2005, sabiex issaqsi diversi mistoqsijiet rigward il-possibiltà ta' introduzzjoni ta' approvazzjonijiet ta' perjodu mhux limitat u l-ostakoli possibbli ta' natura amministrattivi minħabba l-introduzzjoni ta' tali approvazzjonijiet. Tnejn u għoxrin Stat Membri bagħtu r-risposti tagħhom għall-ittra msemmija hawn fuq sal-15 ta' Marzu 2005.
12. Magħrufa r-risposti ta' l-Istati Membri għall-ittra msemmija hawn fuq u r-reazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' konsultazzjoni għan-notifika ta' emenda proposta, fejn isostnu jew m'għandhomx oġġezzjonijiet għall-modifiki proposti, l-Aġenzija ma tikkonsidrax li ġġib lura sistema ta' approvazzjonijiet ta' perjodu limitat. Il-parti l-kbira ta' l-approvazzjonijiet li ġew maħruġa bħalissa fil-Komunità huma diġà ta' perjodu mhux limitat u tibdil jista' jkun oġġezzjonat b'mod qawwi mid-detenturi tagħhom. Barra minnekk, l-Aġenzija ma temminx li tali pass jista' jtejjeb is-sigurtà. Għall-kuntrarju taħseb illi l-perjodi ta' approvazzjonijiet m'għandux jintuża sabiex jiġi assigurat l-infurzar għaliex il-perjodu ta' l-approvazzjonijiet huwa ta' sentejn jew tlieta filwaqt li r-riżultanzi għandhom jiġu magħluqa fl-aġar każ f'mill-anqas sitt xhur. Jekk approvazzjonijiet ta' perjodu limitat huma wżati bħala mezz ta' nfruzar dan ifisser li r-riżultanzi jistgħu jitħallew miftuħa anke sa sentejn, li m'huwix skond l-ispirtu tar-regolamenti eżistenti, li jeħtieġu viżjoni permanenti.
13. L-Aġenzija tirrikonoxxi minkejja dan illi xi Stati Membri jeħtieġu aktar żmien sabiex jibdlu t-tariffi u l-ħlasijiet. Għalkemm dawn l-Istati Membri għandhom diġà sentejn sabiex jippreparaw għal dan il-pass, l-Aġenzija tikkonsidra li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni sabiex testendi l-perjodu trażitorju. Iż-żmien meħtieġ għal dan it-tibdil ivarja minn perjodu qasir għal diversi snin skond ir-

risposti riċevuti. L-Aġenzija tikkonsidra, wara analiżi ulterjuri illi sentejn jistgħu jkunu żmien raġjonevoli għall-Istati Membri kollha sabiex jemendaw il-leġislazzjoni ta' l-amministrazzjoni nazzjonali.

14. Finalment l-Aġenzija inkarigat ruħha mill-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet tad-disposizzjonijiet tar-Regolament 1702/2003 kif huwa mandat mill-Artikolu 5(5) tiegħu, jiġifieri m'hemmx raġuni li jinżamm il-paragrafu 5 u għandu jiġi revokat.

IV. Evalwazzjoni dwar l-Impatt Regulatorju

15. L-emenda proposta tippostponi biss il-benefiċċju tas-sistema ta' approvazzjoni ta' perjodu mhux limitat għal sentejn. Peress li s-sistema ta' perjodu limitat ma wrietx li hija ta' periklu fil-passat, l-estensjoni tagħha għal sentejn oħra ma jkollha l-ebda effett meqjus fuq is-sigurtà. Barra minn dan, l-estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni jagħti lill-Istati Membri ż-żmien meħtieġ sabiex itejbu l-istrateġija ta' l-iskema ta' l-iċċarġjar sabiex tiggarantixxi fuq terminu twil l-effiċjenza tas-sistema ta' viżjoni tagħhom. L-ebda impatt addizzjonali rigward l-ambjent jew oqsma soċjali ma jista' jkun evalwat. Għalhekk wara l-evalwazzjoni ta' dawn l-impatti, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li t-terminu ta' l-għeluq speċifikat fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 u fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 għandu jiġi modifikat peress li din l-emenda tista' tippermetti benefiċċju fuq żmien twil mill-vantaġġi ta' l-approvazzjonijiet ta' perjodu mhux limitat filwaqt li jippermetti li xi Stati Membri jadottaw is-sistema ta' l-iċċarġjar tagħhom.

Köln, 6 ta' Settembru 2005

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv